# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 28 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 37/01 AJD*

Industry Services Limited

vs

Joseph Micallef

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma kapitali ta' mitejn u tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm222.91) bhala bilanc dovut in konnessjoni ma' bejgh lilu ta' 'garbage bags' fil-11 ta' Awissu, 2000, skond kif indikat fuq fattura (Dok. A) , liema bilanc pendenti jirrizulta minn prospett (Dok. B). In konnessjoni ma' dan l-istess bejgh, il-konvenut kien ukoll iffirma kambjala (Dok. C), izda minkejja diversi interpellazzjonijiet, anke permezz ta' ittra bonarja tal-4 ta' Dicembru, 2000, u ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000, (Dok. D u Dok. E), il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Dicembru, 2000, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Awissu, 2000, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Steve Rizzo, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm222.91) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza u dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR